

Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15910/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0124 (COD)**

**CODEC 1915
MI 952
ENT 261
ENV 1276
CHIMIE 140
IND 542
CONSOM 270
SAN 773**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi u li jħassar ir-Regolament (KE) 648/2004 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fit-28 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Lulju 2023².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Frar 2024³.

¹ 8904/23 + ADD 1 sa 7.

² 12179/23.

³ 10507/24.

4. Fil-25 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar ir-Regolament⁴ imsemmi hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
5. Fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) ikkonferma l-ftehim proviżorju u sussegwentement il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li indikat li, fit-tieni qari tiegħu, il-Parlament Ewropew għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁵.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 12331/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 12331/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Italja tivvota kontra.

⁴ 10440/25.

⁵ 13878/25.